

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

2.4.2007

PE 386.521v01-00

EMENDI 21-111

Abbozz ta' rapport

(PE 384.469v01-00)

Mojca Drčar Murko

Ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel

Proposta għal regolament (COM(2006)0427 – C6-0259/2006 – 2006/0147(COD))

Proposta għal regolament

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 21
PREMESSA 5

(5) Sabiex tkun imħarsa s-saħħa tal-bniedem, l-ambitu ta' dan ir-Regolament għandu jkopri l-ħwawar, il-materjali mis-sors għall-ħwawar u l-ikel li fih il-ħwawar. Għandu jkopri wkoll ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li jiġu miżjuda ma' l-ikel bl-għan prinċipali li tiżdied il-benna u li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-preżenza fl-ikel ta' ċerti sustanzi mhux mixtieqa li jseħħu b'mod naturali ('ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir'), il-materjal mis-sors tagħhom u l-ikel li jinstabu fih.

(5) Sabiex tkun imħarsa s-saħħa tal-bniedem, l-ambitu ta' dan ir-Regolament għandu jkopri l-ħwawar, il-materjali mis-sors **u l-intermedjarji** għall-ħwawar u l-ikel li fih il-ħwawar. Għandu jkopri wkoll ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li jiġu miżjuda ma' l-ikel bl-għan prinċipali li tiżdied il-benna u li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-preżenza fl-ikel ta' ċerti sustanzi mhux mixtieqa li jseħħu b'mod naturali ('ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir'), il-materjal mis-sors **u l-intermedjarji** tagħhom u l-ikel li jinstabu

AM\663687MT.doc

PE 386.521v02-00

fih.

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Fi proċessi ta' produzzjoni fl-industrija ta' l-ikel, ma jintużawx biss materjali mis-sors (li hawnhekk jinftiehem li huma materja prima bażika) u ħwawar iżda wkoll, u fuq kollox, intermedjarji pproċessati fi gradi differenti u miksuba permezz ta' bosta proċessi teknoloġiċi (ara l-Anness II - Lista ta' proċessi ta' preparazzjoni ta' ikel tradizzjonali li permezz tagħhom jinkisbu sustanzi għat-togħma naturali u preparazzjonijiet għat-togħma naturali).

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 22

PREMESSA 5 A (ĠDIDA)

(5a) Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal ċerti sustanzi li għandhom esklussivament togħma ħelwa, morra jew mielħa, għal ikel mhux ipproċessat kif definit fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' prodotti ta' l-ikel¹ u għal ikel mhux kompost.

¹ *ĠU L 139, 30.4.2004, p 1.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun iċċarat l-Artikolu 2(2)b).

Emenda mressqa minn John Bowis

Emenda 23

PREMESSA 6

(6) Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir jistgħu jintużaw biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. Iridu jkunu mingħajr periklu meta jiġu użati, u għalhekk ċerti ħwawar għandha ssirilhom *valutazzjoni tar-*

(6) Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir jistgħu jintużaw biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. Iridu jkunu mingħajr periklu meta jiġu użati, u għalhekk ċerti ħwawar għandha ssirilhom *evalwazzjoni tar-*

riskju qabel ma jistgħu jkunu permessi fl-ikel. M'għandhomx jiżgwidaw lill-konsumatur, u għalhekk il-preżenza tagħhom fl-ikel għandha dejjem tkun indikata permezz ta' tikkettar xieraq.

riskju qabel ma jistgħu jkunu permessi fl-ikel. ***Meta possibbli, għandha tingħata attenzjoni dwar jekk jistax ikun hemm xi konsegwenzi negattivi għal gruppi vulnerabbli, inkluż l-iżvilupp ta' preferenzi tat-togħma fit-tfal.*** M'għandhomx jiżgwidaw lill-konsumatur, u għalhekk il-preżenza tagħhom fl-ikel għandha dejjem tkun indikata permezz ta' tikkettar xieraq.

Or. en

Emenda mressqa minn Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 24
PREMESSA 6

(6) Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir jistgħu jintużaw biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. Iridu jkunu mingħajr periklu meta jiġu użati, u għalhekk ċerti ħwawar għandha ssirilhom *valutazzjoni* tar-riskju qabel ma jistgħu jkunu permessi fl-ikel. M'għandhomx jiżgwidaw lill-konsumatur, ***u għalhekk*** il-preżenza tagħhom fl-ikel għandha dejjem tkun indikata permezz ta' tikkettar xieraq.

(6) Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir jistgħu jintużaw biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. Iridu jkunu mingħajr periklu meta jiġu użati, u għalhekk ċerti ħwawar għandha ssirilhom *evalwazzjoni* tar-riskju qabel ma jistgħu jkunu permessi fl-ikel. M'għandhomx jiżgwidaw lill-konsumatur ***dwar il-freskezza, il-kwalità nutrittiva ta' l-ingredjenti u n-naturalezza ta' prodott ta' l-ikel. Bil-kuntrarju, l-użu tagħhom irid ikun hteieġa teknoloġika u ta' benefiċċju ċar għall-konsumatur.*** Il-preżenza tagħhom fl-ikel għandha dejjem tkun indikata permezz ta' tikkettar xieraq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħal fil-leġislazzjoni attwali dwar l-addittivi fl-ikel, benefiċċju ċar għall-konsumatur għandu jkun ir-rekwiżit ċentrali fil-proċess ta' awtorizzazzjoni għal ħwawar.

Emenda mressqa minn David Martin u Åsa Westlund

Emenda 25
PREMESSA 6

(6) Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir jistgħu jintużaw biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. Iridu jkunu mingħajr periklu meta jiġu użati, u għalhekk ċerti ħwawar għandha ssirilhom *valutazzjoni* tar-riskju qabel ma jistgħu jkunu permessi fl-ikel. M'għandhomx jiżgwidaw lill-konsumatur, u għalhekk il-preżenza tagħhom fl-ikel għandha dejjem tkun indikata permezz ta' tikkettar xieraq.

(6) Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir jistgħu jintużaw biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. Iridu jkunu mingħajr periklu meta jiġu użati, u għalhekk ċerti ħwawar għandha ssirilhom *evalwazzjoni* tar-riskju qabel ma jistgħu jkunu permessi fl-ikel. M'għandhomx jiżgwidaw lill-konsumatur u ***l-użu tagħhom irid ikun ħtieġa teknoloġika u jrid ikun ta' benefiċċju għall-konsumatur.*** Il-preżenza tagħhom fl-ikel għandha dejjem tkun indikata permezz ta' tikkettar xieraq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu ta' ħwawar irid ikollu ħtieġa teknoloġika u jrid ikun ta' benefiċċju għall-konsumatur.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 26 PREMESSA 8

(8) Minħabba li jseħħu b'mod naturali fil-pjanti, is-sustanzi mhux mixtieqa jistgħu jkunu preżenti fi preparazzjonijiet ta' taħwir u f'ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir. Tradizzjonalment, il-pjanti jintużaw bħala ikel jew bħala ingredjenti ta' l-ikel. Għandhom jiġu stabbiliti livelli massimi xierqa għall-preżenza ta' dawn is-sustanzi mhux mixtieqa fl-ikel li l-iktar li jikkontribwixxi għall-konsum mill-bniedem ta' dawn is-sustanzi, fejn jitqiesu kemm il-ħtieġa li tiġi mħarsa s-saħħa tal-bniedem kif ukoll il-preżenza inevitabbli tagħhom fl-ikel tradizzjonali.

(8) Minħabba li jseħħu b'mod naturali fil-pjanti, is-sustanzi mhux mixtieqa jistgħu jkunu preżenti fi preparazzjonijiet ta' taħwir u f'ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir. Tradizzjonalment, il-pjanti jintużaw bħala ikel jew bħala ingredjenti ta' l-ikel. Għandhom jiġu stabbiliti livelli massimi xierqa għall-preżenza ta' dawn is-sustanzi mhux mixtieqa fl-ikel li l-iktar li jikkontribwixxi għall-konsum mill-bniedem ta' dawn is-sustanzi, ***li jista jkollhom effetti allerġeniċi, mutaġeniċi jew karċinoġeni*** fejn jitqiesu kemm il-ħtieġa li tiġi mħarsa s-saħħa tal-bniedem kif ukoll il-preżenza inevitabbli tagħhom fl-ikel tradizzjonali.

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Is-sustanzi ta' taħwir fl-għasel naturali, pereżempju, jistgħu jikkawżaw reazzjoni f'persuni li

għandhom it-tendenza li jkollhom dan it-tip ta' allerġija. Xi sustanzi ta' taħwir (eż. fil-grupp ta' l-idrokarburi aromatiċi) għandhom effett karċinoġenu.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 27
PREMESSA 11

(11) Biex tkun żgurata l-armonizzazzjoni, *il-valutazzjoni* tar-riskju u l-approvazzjoni tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors li jeħtieġ li ssirilhom evalwazzjoni, għandhom jitwettqu skond *il-proċedura* stabbilita fir-Regolament (KE) Nru [...] li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għall-ħwawar ta' l-ikel.

(11) Biex tkun żgurata l-armonizzazzjoni, ***l-evalwazzjoni*** tar-riskju u l-approvazzjoni tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors li jeħtieġ li ssirilhom evalwazzjoni, għandhom jitwettqu skond ***il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-proċedura*** stabbilita fir-Regolament (KE) Nru [...] li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għall-ħwawar ta' l-ikel.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju ta' prekawzjoni għandu jkun fiċ-ċentru ta' l-evalwazzjoni ta' riskju tal-ħwawar.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 28
PREMESSA 11

(11) Biex tkun żgurata l-armonizzazzjoni, *il-valutazzjoni* tar-riskju u l-approvazzjoni tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors li jeħtieġ li ssirilhom evalwazzjoni, għandhom jitwettqu skond *il-proċedura* stabbilita fir-Regolament (KE) Nru [...] li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għall-ħwawar ta' l-ikel.

Biex tkun żgurata l-armonizzazzjoni, *l-evalwazzjoni* tar-riskju u l-approvazzjoni tal-ħwawar, ***ta' l-intermedjarji*** u tal-materjali mis-sors li jeħtieġ li ssirilhom evalwazzjoni, għandhom jitwettqu skond *il-proċedura* stabbilita fir-Regolament (KE) Nru [...] li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għall-ħwawar ta' l-ikel.

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Fi proċessi ta' produzzjoni fl-industrija ta' l-ikel, ma jintużawx biss materjali mis-sors (li

hawnhekk jinftiehem li huma materja prima bażika) u ħwawar iżda wkoll, u fuq kollox, intermedjarji pproċessati fi gradi differenti u miksuba permezz ta' bosta proċessi teknoloġiċi (ara l-Anness II - Lista ta' proċessi ta' preparazzjoni ta' ikel tradizzjonali li permezz tagħhom jinkisbu sustanzi għat-togħma naturali u preparazzjonijiet għat-togħma naturali).

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 29
PREMESSA 12

(12) Is-sustanzi ta' taħwir huma sustanzi li huma ddefiniti kimikament bi proprjetajiet ta' taħwir. Għaddej programm ta' evalwazzjoni ta' sustanzi ta' taħwir skond ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja għas-sustanzi tat-taħwir użati jew maħsuba għall-użu fi jew fuq l-oġġetti ta' l-ikel. Skond dak ir-Regolament għandha tiġi adottata lista ta' sustanzi ta' taħwir fi żmien ħames snin mill-adozzjoni ta' dak il-programm. Għandha tiġi ffixsata skadenza ġdida għall-adozzjoni ta' dik il-lista. Il-lista se tiġi proposta ħalli tkun inkluża fil-lista *li tissemma* fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru. [...].

(12) Is-sustanzi ta' taħwir huma sustanzi li huma ddefiniti kimikament bi proprjetajiet ta' taħwir. Għaddej programm ta' evalwazzjoni ta' sustanzi ta' taħwir skond ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja għas-sustanzi tat-taħwir użati jew maħsuba għall-użu fi jew fuq l-oġġetti ta' l-ikel. Skond dak ir-Regolament għandha tiġi adottata lista ta' sustanzi ta' taħwir fi żmien ħames snin mill-adozzjoni ta' dak il-programm. Għandha tiġi ffixsata skadenza ġdida għall-adozzjoni ta' dik il-lista. Il-lista se tiġi proposta ħalli tkun inkluża fil-lista *msemmija* fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru. [...].

Għandha tiġi ffixsata skadenza ġdida għall-adozzjoni ta' dik il-lista u wara dik l-iskadenza r-Regolament (KE) Nru 2232/96 ikun irrevokat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva 88/388/KEE tat-22 ta' Ġunju 1988 tkun irrevokata b'din il-proposta, iżda min-naħa l-oħra l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2232/96 huwa d-Direttiva 88/388/KEE.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 30
PREMESSA 13

(13) Il-preparazzjonijiet ta' taħwir huma ħwawar li mhumiex sustanzi ddefiniti kimikament li jinkisbu minn materjali li ġejjin mill-veġetali, mill-annimali u mill-minerali, permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa, jew fl-istat naturali tal-materjal jew wara li jkun ġie pproċessat għall-konsum mill-bniedem. ***Il-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-ikel mhemmx għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza tal-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti minn materjal li mhux ikel għandha tiġi evalwata qabel l-approvazzjoni.***

(13) Il-preparazzjonijiet ta' taħwir huma ħwawar li mhumiex sustanzi ddefiniti kimikament li jinkisbu minn materjali li ġejjin mill-veġetali, mill-annimali u mill-minerali, permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa, jew fl-istat naturali tal-materjal jew wara li jkun ġie pproċessat għall-konsum mill-bniedem. Is-sikurezza tal-preparazzjonijiet ta' taħwir għandha tiġi evalwata qabel l-approvazzjoni.

Or. en

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 31
PREMESSA 13

(13) Il-preparazzjonijiet ta' taħwir huma ħwawar li mhumiex sustanzi ddefiniti kimikament li jinkisbu minn materjali li ġejjin mill-veġetali, mill-annimali ***u mill-minerali***, permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa, jew fl-istat naturali tal-materjal jew wara li jkun ġie pproċessat għall-konsum mill-bniedem. Il-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-ikel mhemmx għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza tal-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti minn materjal li mhux ikel għandha tiġi evalwata qabel l-approvazzjoni.

(13) Il-preparazzjonijiet ta' taħwir huma ħwawar li mhumiex sustanzi ddefiniti kimikament li jinkisbu minn materjali li ġejjin mill-veġetali ***jew*** mill-annimali, permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa, jew fl-istat naturali tal-materjal jew wara li jkun ġie pproċessat għall-konsum mill-bniedem. Il-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-ikel mhemmx għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza tal-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti minn materjal li mhux ikel għandha tiġi evalwata qabel l-approvazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemmx preparazzjonijiet ta' taħwir li jinkisbu minn materjali ta' oriġini minerali.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 32
PREMESSA 13

(13) Il-preparazzjonijiet ta' taħwir huma ħwawar li mhumieħ sustanzi ddefiniti kimikament li jinkisbu minn materjali li ġejjin mill-veġetali, mill-annimali *u mill-minerali*, permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa, jew fl-istat naturali tal-materjal jew wara li jkun ġie pproċessat għall-konsum mill-bniedem. Il-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-ikel mhemmx għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza tal-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti minn materjal li mhux ikel għandha tiġi evalwata qabel l-approvazzjoni.

(13) Il-preparazzjonijiet ta' taħwir huma ħwawar li mhumieħ sustanzi ddefiniti kimikament li jinkisbu minn materjali li ġejjin mill-veġetali, mill-annimali *jew minn materjali sintetiċi*, permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa, jew fl-istat naturali tal-materjal jew wara li jkun ġie pproċessat għall-konsum mill-bniedem. Il-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-ikel mhemmx għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza *fis-sens ta' saħħa* tal-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti minn materjal li mhux ikel għandha tiġi evalwata qabel l-approvazzjoni.

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Il-kelma 'minerali' hijs sostitwita mill-kelma 'sintetiċi' sabiex tintwera l-oriġini mhux naturali ta' sustanzi ta' taħwir miksuba mis-sisntesi kimika li m'għandhomx proprjetajiet kimiċi identiċi għal sustanzi naturali fi prodotti ta' oriġini veġetali jew mill-annimali. Biex ikunu ddefiniti t-termini.

Amendment by Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 33
PREMESSA 14

(14) Ir-Regolament (KE) Nru. 178/2002 jiddefinixxi l-ikel bħala kwalunkwe

(14) Ir-Regolament (KE) Nru. 178/2002 jiddefinixxi l-ikel bħala kwalunkwe

sustanza, jew prodott, kemm jekk ipproċessat, ipproċessat b'mod parzjali jew mhux ipproċessat, li huwa maħsub, jew raġonevolment mistenni li *jkun, għall-inġestjoni* mill-bniedem *jew le*. Il-materjali ġejjin mill-veġetali, mill-annimali jew li għandhom oriġini mikrobijoloġika, li s'issa hemm evidenza sinifikanti li jintużaw għall-produzzjoni tal-ħwawar, għal dan l-iskop jitqiesu bħala materjali ta' l-ikel, ***anki jekk uħud minn dawn il-materjali mis-sors, bħalma huma rose wood, il-laqx mill-injam tal-ballut u l-weraq tal-frawli, jistgħu ma jkunux intużaw għall-ikel bħala tali. M'hemmx għalfejn jiġu evalwati.***

sustanza, jew prodott, kemm jekk ipproċessat, ipproċessat b'mod parzjali jew mhux ipproċessat, li huwa maħsub, jew raġonevolment mistenni li *jittiekel* mill-bniedem. Il-materjali ġejjin mill-veġetali, mill-annimali jew li għandhom oriġini mikrobijoloġika, li s'issa hemm evidenza sinifikanti li jintużaw għall-produzzjoni tal-ħwawar, għal dan l-iskop ***jistgħu*** jitqiesu bħala materjali ta' l-ikel. ***Madankollu, is-sikurezza ta' preparazzjonijiet ta' taħwir bħal dawn għandha tiġi evalwata qabel l-approvazzjoni.***

Or. en

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 34
PREMESSA 16

(16) Ir-Regolament (KE) Nru. 2065/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Novembru 2003 dwar taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel, jistabbilixxi proċedura għall-*valutazzjoni* tas-sikurezza u l-approvazzjoni tal-ħwawar bl-affumikazzjoni u għandu l-għan li jistabbilixxi lista ta' kondensati primarji ta' l-affumikazzjoni u frazzjonijiet primarji tad-duħħan tat-tabakk li l-użu tagħhom huwa awtorizzat bl-esklużjoni ta' l-oħrajn kollha.

(16) Ir-Regolament (KE) Nru. 2065/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Novembru 2003 dwar taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel, jistabbilixxi proċedura għall-*evalwazzjoni* tas-sikurezza u l-approvazzjoni tal-ħwawar bl-affumikazzjoni u għandu l-għan li jistabbilixxi lista ta' kondensati primarji ta' l-affumikazzjoni u frazzjonijiet primarji tad-duħħan tat-tabakk li l-użu tagħhom huwa awtorizzat bl-esklużjoni ta' l-oħrajn kollha. ***Referenzi għad-Direttiva 88/388/KEE fir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjonijiet u l-premessi tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003 jirreferu għad-Direttiva 88/388/KEE, li hija rrevokata.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 35
PREMESSA 17

(17) Il-prekursuri tal-benna jagħtu l-benna lill-ikel permezz ta' reazzjonijiet kimiċi li jseħħu waqt l-ipproċessar ta' l-ikel. Il-prekursuri tal-benna li ġew prodotti mill-ikel mhemmx *bżonn* għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza tal-prekursuri tal-benna li jiġu prodotti minn materjal li mhux ikel għandha tiġi *vvalutata* qabel l-approvazzjoni.

(17) Il-prekursuri tal-benna jagħtu l-benna lill-ikel permezz ta' reazzjonijiet kimiċi li jseħħu waqt l-ipproċessar ta' l-ikel. Il-prekursuri tal-benna li ġew prodotti mill-ikel mhemmx għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza ***fis-sens ta' saħħa*** tal-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti minn materjal li mhux ikel għandha tiġi *evalwata* qabel l-approvazzjoni.

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-garanzija li l-ikel huwa sikur u tajjeb għas-saħħa huma l-prinċipji ewlenin ta' dan ir-regolament.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 36
PREMESSA 20

(20) Ħwawar ***jew materjal mis-sors*** li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament għandhom ikunu ***awtorizzati skond*** dak ir-Regolament, ***qabel ma jkun approvat taħt*** dan ir-Regolament.

(20) Ħwawar ***u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li fihom il-GMOs, li jikkonsistu minn GMOs jew li huma magħmula minn GMOs*** li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament għandhom ikunu ***suġġetti għall-evalwazzjoni ta' sikurezza tal-modifikazzjoni ġenetika skond*** dak ir-Regolament, ***filwaqt li l-awtorizzazzjoni finali għandha tingħata skond*** dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Għandhom ikunu evitati żewġ proċeduri ta' awtorizzazzjoni differenti.

Emenda mressqa minn Mojca Drčar Murko

Emenda 37
PREMESSA 20

(20) Ħwawar jew materjal mis-sors li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament għandhom ikunu *awtorizzati skond dak ir-Regolament, qabel ma jkun approvat taħt* dan ir-Regolament.

(20) Ħwawar jew materjal mis-sors li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament għandhom ikunu *suġġetti għall-proċedura ta' evalwazzjoni skond dak ir-Regolament fir-rigward ta' l-evalwazzjoni ta' sikurezza tal-modifikazzjoni ġenetika, filwaqt li l-awtorizzazzjoni finali tal-ħwawar jew tal-materjal mis-sors għandha tingħata skond* dan ir-Regolament.

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 38
PREMESSA 20

(20) Ħwawar *jew* materjal *mis-sors* li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament għandhom ikunu awtorizzati skond dak ir-Regolament, qabel *ma jkun approvat taħt* dan ir-Regolament.

(20) Ħwawar *miksuba minn* materjal li jaqa' taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament għandhom ikunu awtorizzati skond dak ir-Regolament, qabel *l-awtorizzazzjoni few fl-istess ħin ta' l-awtorizzazzjoni skond* dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Taqsimiet tal-proposti jistgħu jkunu miżinterpretati bħala li qed jirrikjedu li l-kumpaniji jippreżentaw evalwazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza EFSA multipli, sekwenzjali u duplikati għal ċerti ħwawar mill-pjanti (kif ukoll għal enzimi u addittivi ta' l-ikel). Filwaqt li duplikazzjoni bħal din m'hijiex l-iskop tal-leġiżlazzjoni proposta, importanti li titneħħa din l-ambigwià sabiex ikunu evitati t-taħwid u diżordni potenzjali tas-suq.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 39 PREMESSA 21

(21) Is-sustanzi ta' taħwir jew il-preparazzjonijiet ta' taħwir għandhom jiġu ttikkettati bħala 'naturali' jekk jikkonformaw ma' ċerti kriterji li jiżguraw li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati.

(21) Is-sustanzi ta' taħwir jew il-preparazzjonijiet ta' taħwir għandhom jiġu ttikkettati bħala 'naturali' **jew 'sintetiċi'** jekk jikkonformaw ma' ċerti kriterji li jiżguraw li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati.

Or. pl

Ġustifikazzjoni

It-tikkettar ta' prodotti bħala 'naturali' jew 'sintetiċi' ma jippermettix li l-konsumaturi jkunu żgwidati.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 40 PREMESSA 22 A (ĠDIDA)

(22a) Ħwawar ta' l-ikel għandhom jibqgħu suġġetti għall-obbligi ġenerali ta' tikkettar kif stipulati fid-Direttiva 2000/13/KE u, meta xieraq, fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003. Barra minn hekk, f'dan ir-Regolament għandhom ikunu inklużi d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tikkettar ta' l-addittivi ta' l-ikel mibjugħa bħala tali lill-manifattur jew lill-konsumatur finali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet applikabbli għat-tikkettar ta' ħwawar ta' l-ikel jiġu inklużi fi premissa, biex ikun ġustifikat l-Artikolu 15.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 41 PREMESSA 23

(23) Il-konsumaturi għandhom ikunu informati jekk it-togħma ta' affumikat ta' ikel partikolari *hiex* minħabba ż-żieda ta' ħwawar bl-affumikazzjoni. Skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel, l-isem li bih jinbiegħ il-prodott m'għandux joħloq konfużjoni lill-konsumatur dwar jekk il-prodott huwiex affumikat b'mod konvenzjonali b'affumikazzjoni friska jew jekk huwiex ittrattat bil-ħwawar bl-affumikazzjoni. *Din* id-Direttiva jeħtieġ li tiġi adattata għad-definizzjonijiet tal-ħwawar, tal-ħwawar bl-affumikazzjoni u tat-terminu 'naturali' għad-deskrizzjoni tal-ħwawar li ġew stabbiliti fir-Regolament preżenti.

Il-konsumaturi għandhom ikunu informati jekk it-togħma ta' affumikat ta' ikel partikolari *hijiex* minħabba ż-żieda ta' ħwawar bl-affumikazzjoni. Skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel, l-isem li bih jinbiegħ il-prodott m'għandux joħloq konfużjoni lill-konsumatur dwar jekk il-prodott huwiex affumikat b'mod konvenzjonali b'affumikazzjoni friska jew jekk huwiex ittrattat bil-ħwawar bl-affumikazzjoni. *Dik* id-Direttiva jeħtieġ li tiġi adattata għad-definizzjonijiet tal-ħwawar, tal-ħwawar bl-affumikazzjoni u tat-terminu 'naturali' għad-deskrizzjoni tal-ħwawar li ġew stabbiliti fir-Regolament preżenti ***għat-tikkettar għall-konsumatur aħħari.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 hija dwar it-tikkettar ta' prodotti ta' l-ikel li għandhom jingħataw bħala tali lill-konsumatur aħħari u lil kejtters tal-massa.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 42 ARTIKOLU 1, PUNT (B)

(b) il-kondizzjonijiet ta' l-użu tal-ħwawar u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir fl-ikel u fuq l-ikel;

(b) il-kondizzjonijiet ta' l-użu tal-ħwawar u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir fl-ikel u fuq l-ikel **u l-konċentrazzjonijiet permissibbli tagħhom**;

Or. pl

Ġustifikazzjoni

L-użu ta' ħwawar (partikolarment ħwawar sintetiċi) f'konċentrazzjonijiet eċċessivi u mhux meħtieġa tekonoġikament jista' jesponi lill-konsumaturi għal riskji għas-saħħa. L-Artikolu 5(2) u l-Annessi IIIB u V għal dan ir-Regolament jitttrattaw il-konċentrazzjonijiet permissibbli ta' diversi sustanzi.

Emenda mressqa minn Mojca Drčar Murko

Emenda 43

ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 1 , PUNT (A)

(a) il-ħwawar li jintużaw jew li huma maħsuba għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel, **ħlief għall-ħwawar bl-affumikazzjoni li jaqgħu fl-ambitu tar-**Regolament (KE) Nru. 2065/2003;

(a) il-ħwawar li jintużaw jew li huma maħsuba għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel, **bla ħsara għal dispożizzjonijiet iktar speċifiċi stipulati fir-**Regolament (KE) Nru. 2065/2003;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-interess tal-konsistenza u ċ-ċarezza l-leġiżlazzjoni kollha dwar is-sikurezza u l-użu ta' ħwawar għandhom ikunu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ħwawar bl-affumikazzjoni huma diġà rregolati b'mod speċifiku skond ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003.

Emenda mressqa minn Mojca Drčar Murko

Emenda 44

ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 1 , PUNT (C)

(c) l-ikel li fih ħwawar **u** ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir;

(c) l-ikel li fih ħwawar **u/jew** ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem propost m'huwiex konsistenti mat-titolu ta' Parti B ta' l-Anness III, u lanqas ma' l-Artikolu 26 dwar it-tikkettar ta' prodotti ta' l-ikel imħawra. Għalhekk 'jew' għandha tiżdied ma' 'u' għaliex inkella l-kliem jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ikel li fih biss ħwawar u ikel li fih biss ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 45

ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 1 , PUNT (C)

l-ikel li fih ħwawar **u** ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir;

(c) l-ikel li fih ħwawar **u/jew** ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun iċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti B ta' l-Anness III. Kif inhi, il-proposta tkopri biss ikel li fih kemm ħwawar kif ukoll ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir u trid tinkludi ikel li fih xi wieħed minn dan it-tip ta' ingredjenti.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 46

ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (B)

(b) ikel **nej jew mhux kompost**.

(b) ikel **mhux ipproċessat**.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din it-terminoloġija għandha tkun konsistenti ma' l-istess tifsira prevista fil-'proposta ta' l-addittivi' u għandha tkun iddefinita sew. Inkella, jekk 'nej jew mhux kompost' tirreferi għal ikel mhux ipproċessat, għandha ssir referenza għad-definizzjoni legali fis-seħħ, kif inkluża fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 (marbuta mal-premessa 5).

Emenda mressqa minn Mojca Drčar Murko

Emenda 47

ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (B)

(b) ikel nej jew mhux kompost.

(b) ikel nej jew mhux kompost ***bħal, iżda mhux esklussivament, ħwawar mill-ħxejjex (spices), ħxejjex aromatiċi (herbs) jew infużjonijiet tat-tè jew tal-ħxejjex bħala tali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza jkun utli li jiġu inklużi xi eżempji ta' ikel meqjus bħala nej jew mhux kompost, peress li għadu mhux ċar sa liema punt, pereżempju, tejjiet tal-ħxejjex u tal-frott u taħlitiet tradizzjonali ta' ħwawar mill-ħxejjex jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

Emenda mressqa minn Ria Oomen-Ruijten u Lambert van Nistelrooij

Emenda 48

ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (B)

(b) ikel nej jew mhux kompost.

(b) ikel nej jew mhux kompost ***bħal, iżda mhux esklussivament, ħwawar mill-ħxejjex, ħxejjex aromatiċi jew infużjonijiet tat-tè jew tal-ħxejjex bħala tali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Eżempji ta' ikel li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ikel 'nej' jew 'mhux kompost' għandhom ikunu inklużi biex tittejjeb iċ-ċarezza.

Emenda mressqa minn David Martin u Åsa Westlund

Emenda 49

ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (B)

(b) ikel nej jew mhux kompost.

(b) ikel nej jew mhux kompost ***anke, fost l-oħrajn, it-tè, il-kafè, taħlitiet ta' tè, jew taħlitiet ta' kafè.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' ikel mhux kompost m'huwiex ċar, għalhekk tajjeb li jkun spjegat aktar.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 50
ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (B A) (ĠDID)

***(ba) ħwawar aromatiċi u ħwawar mill-
ħxejjex użati tradizzjonalment għall-
konsum mill-bniedem;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ħwawar aromatiċi u ħwawar mill-ħxejjex użati tradizzjonalment bħala ingredjenti ta' l-ikel m'għandhomx ikunu koperti bir-Regolament.

Emenda mressqa minn John Bowis

Emenda 51
ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (B A) (ĠDID)

***(ba) ħwawar aromatiċi u ħwawar mill-
ħxejjex friski jew imnixxin***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm evidenza li ħwawar aromatiċi m'għandhomx l-istess effett tossikoloġiku li wieħed għandu jinkwieta dwaru daqskemm għandu komponent individwali ġo fihom. L-iffissar ta' livelli massimi għal tali komponenti (fl-Anness IIIB) jista' jwassal għal aktar użu ta' estratti ta' ħxejjex aromatiċi u m'huwiex ċar jekk dan huwiex se jħares aktar lill-konsumatur. Hija meħtieġa konsiderazzjoni akbar qabel ma jkun inklużi tali limiti f'dan ir-Regolament għall-użu ta' ħwawar aromatiċi u ta' ħwawar mill-ħxejjex.

Emenda mressqa minn Mojca Drčar Murko

Emenda 52
ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (A), (II A) (ĠDID)

***(ii) li jista' jkun fihom ikel inklużi
addittivi ta' l-ikel kif permessi mir-
Regolament (KE) Nru xxxx/2007 tal-***

**Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'
dwar l-addittivi ta' l-ikel;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta ma ssemmix il-possibiltà li ikel u/jew addittivi ta' l-ikel jiġu miżjuda ma' ħwawar. Madankollu, addittivi u ikel huma meħtieġa għall-ħażna u l-użu ta' ħwawar u biex dawn il-prodotti jinħallu u jiġu ddilwiti. F'ħafna każijiet il-ħwawar jiġu komposti biex ikun fihom ingredjenti ta' l-ikel bħala parti mit-taħwir, eż. trab tal-ġobon f'taħwira tal-ġobon u l-basal.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 53

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (A), (II A) (ĠDID)

***(ii) b'addittivi ta' l-ikel permessi fil-
ħwawar ta' l-ikel;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ħwawar ta' l-ikel jista' jkollhom ukoll addittivi fil-kompożizzjoni tagħhom, kif imsemmi fil-proposta dwar l-addittivi ta' l-ikel (Artikolu 16).

Emenda mressqa minn Anja Weisgerber

Emenda 54

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (A), (II A) (ĠDID)

***(ii) li huma permessi li jkollhom kemm
ikel kif ukoll addittivi ta' l-ikel, sakemm iż-
żieda ta' tali sustanzi tkun skond ir-
regolamenti Komunitarji.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Bil-kuntrarju ta' dak stipulat fid-Direttiva dwar it-Taħwir (Direttiva 88/388 KEE), il-proposta tal-kummissjoni (COM(2006)0427) ma ssemmix il-possibiltà li ikel u/jew addittivi ta' l-ikel jiġu miżjuda mat-taħwir. Dawn is-sustanzi (addittivi u ikel) huma, madankollu, meħtieġa sabiex il-ħwawar jinħażnu u jintużaw u, imbagħad, biex jinħallu u jiġu ddilwiti.

F'ħafna każijiet il-kompożizzjoni tal-ħwawar hija tali li tinkludi ingredjenti ta' l-ikel bħala parti mit-taħwira. Eżempju wieħed huwa t-trab tal-ġobon f'taħwira tal-ġobon u l-basal.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 55

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (C), (I) (ĠDID)

(i) 'sustanza ta' taħwir sintetika' għandha tfigher sustanza miksuba mis-sintesi kimika, kemm jekk għandha kif ukoll jekk m'għandhiex proprjetajiet kimiċi identiċi għas-sustanzi naturali preżenti fi prodotti ta' oriġini veġetali jew mill-annimali, kif imsemmija fil-punt (c).

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Il-ħwawar fl-ikel jinkludu, minbarra l-ħwawar miksuba minn sustanzi naturali, fuq kollox is-sustanzi kollha miksuba mis-sintesi kimika, bħall-ethyl vanillin preżenti f'zokkrijiet tal-vanilla li jintużaw spiss u f'konċentrati ta' l-ikel oħra.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 56

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (F)

(f) 'ħwawar bl-affumikazzjoni' għandha tfigher prodott li jinkiseb permezz tal-frazzjonament u tal-purifikazzjoni ta' affumikazzjoni kondensata li tagħti kondensati primarji ta' l-affumikazzjoni u frazzjonijiet primarji tad-duħħan tat-tabakk u/jew ħwawar bl-affumikazzjoni derivat kif ġie ddefinit fil-punti (1), (2) u (4) ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru. 2065/2003;

'ħwawar bl-affumikazzjoni' għandha tfigher prodott li jinkiseb permezz tal-frazzjonament u tal-purifikazzjoni ta' affumikazzjoni kondensata li tagħti kondensati primarji ta' l-affumikazzjoni u frazzjonijiet primarji tad-duħħan tat-tabakk ***użati fi proċessi traddizzjonali ta' affumikar ta' prodotti ta' l-ikel*** u/jew ħwawar bl-affumikazzjoni derivat kif ġie ddefinit fil-punti (1), (2) u (4) ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru. 2065/2003;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun iċċarat li hemm ħwawar bl-affumikazzjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003; hemm oħrajn li se jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jintużaw fi proċessi tradizzjonali ta' affumikar ta' prodotti ta' l-ikel.

Emenda mressqa minn Mojca Drċar Murko

Emenda 57

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (H)

(h) '*ħwawar oħrajn*' għandha tfisser ħwawar li ġew miżjuda jew kienu maħsuba biex jiġu miżjuda ma' l-ikel sabiex jagħtu riħa u/jew toġħma u li ma jaqgħux taħt id-definizzjonijiet (b) sa (g);

(h) '*ħwawar li m'ħumiex speċifikati f'dokumenti oħra*' għandha tfisser ħwawar li ġew miżjuda jew kienu maħsuba biex jiġu miżjuda ma' l-ikel sabiex jagħtu riħa u/jew toġħma u li ma jaqgħux taħt id-definizzjonijiet (b) sa (g);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li d-definizzjoni 'ħwawar oħrajn' tkun iċċarata.

Emenda mressqa minn Mojca Drċar Murko

Emenda 58

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (I)

(i) 'ingredjent ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir' għandha tfisser ingredjent ta' l-ikel għajr għall-ħwawar li jistgħu jiġu miżjuda ma' l-ikel bl-iskop prinċipali li tizzied il-benna jew tiġi mmodifikata l-benna ta' l-ikel;

(i) 'ingredjent ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir' għandha tfisser ingredjent ta' l-ikel għajr għall-ħwawar li jistgħu jiġu miżjuda ma' l-ikel bl-iskop prinċipali li tizzied il-benna jew tiġi mmodifikata l-benna ta' l-ikel ***u l-użu ta' dan l-ingredjent jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-preżenza ta' sustanzi f'ikel kompost kif speċifikat fil-Parti B ta' l-Anness III;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tinżamm il-proporzjonalità fl-applikazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjoni għandhom ikunu ristretti għal dawk l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li

jitqiesu li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-konsum. Din l-emenda hija marbuta mal-Premessa 5 tat-test propost mill-Kummissjoni.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 59

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (J), PARTI INTRODUTTORJA

(j) 'materjal mis-sors' għandha tfisser materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali jew li għandu oriġini mikrobijoloġika **jew minerali** li minnu jiġu prodotti ħwawar jew ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir; jista' jkun:

(j) 'materjal mis-sors' għandha tfisser materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali jew li għandu oriġini mikrobijoloġika li minnu jiġu prodotti ħwawar jew ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir; jista' jkun:

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemmx preparazzjonijiet ta' taħwir li jinkisbu minn materjali ta' oriġini minerali.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 60

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (J), PARTI INTRODUTTORJA

(j) 'materjal mis-sors' għandha tfisser materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali jew li għandu oriġini mikrobijoloġika jew **minerali** li minnu jiġu prodotti ħwawar jew ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir; jista' jkun:

'materjal mis-sors' għandha tfisser materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali jew li għandu oriġini mikrobijoloġika jew **sintetika** li minnu jiġu prodotti ħwawar jew ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir; jista' jkun:

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Il-kelma 'minerali' hija sostitwita bil-kelma 'sintetiċi' sabiex tintwera l-oriġini mhux naturali ta' sustanzi ta' taħwir miksuba mis-sisntesi kimika li m'għandhomx proprjetajiet kimiċi identiċi għal sustanzi naturali fi prodotti ta' oriġini veġetali jew mill-annimali. Biex ikunu ddefiniti t-termini.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 61

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (J A) (ĠDID)

(ja) 'magħmulin mill-GMOs' għandha tfisser ġejjin mill-użu ta' GMO bħala l-aħħar organiżmu ħaj fil-proċess ta' produzzjoni, imma li ma fihomx jew li ma jikkonsistux minn GMOs u li lanqas ma huma magħmulin mill-GMOs;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar għandhom ikunu ċċarati fir-rigward ta' l-enzimi magħmulin mill-GMOs. Dan huwa skond il-kunċett ta' l- 'aħħar organiżmu ħaj' li jiddetermina d-dispożizzjonijiet ta' tikkettar tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 dwar l-ikel u l-għalf modifikat ġenetikament..

Emenda mressqa minn Anja Weisgerber

Emenda 62

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (K)

(k) 'proċess fiżiku xieraq' għandha tfisser proċess fiżiku li ma jimmodifikax b'mod intenzjonali n-natura kimika tal-komponenti tal-ħwawar **u ma jinvolvix** l-użu ta' ossiġnu, ożonu, katilizzaturi inorganiċi, katalizzaturi metalliċi, reaġenti organometalliċi u/jew radjazzjoni UV *b'membru wieħed (singlet).*

(k) 'proċess fiżiku xieraq' għandha tfisser proċess fiżiku li ma jimmodifikax b'mod intenzjonali n-natura kimika tal-komponenti tal-ħwawar, **bla ħsara għall-elenkar ta' proċessi ta' preparazzjoni ta' ikel tradizzjonali fl-Anness II, f'liema proċessi** l-użu ta' ossiġnu ta' *enerġija oġhla (singlet oxygen)*, ożonu, katilizzaturi inorganiċi, reaġenti organometalliċi u/jew radjazzjoni UV **m'huwiex inkluż.**

Or. de

Emenda mressqa minn Mojca Drċar Murko

Emenda 63

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, PUNT (K)

(k) 'proċess fiżiku xieraq' għandha tfisser

(k) 'proċess fiżiku xieraq' għandha tfisser

proċess fiżiku li ma jimmodifikax b'mod intenzjonali n-natura kimika tal-komponenti tal-ħwawar **u** ma jinvolvíx l-użu ta' ossiġnu, ożonu, katilizzaturi inorganiċi, katalizzaturi metalliċi, reaġenti organometalliċi u/jew radjazzjoni UV *b'membru wieħed (singlet)*.

proċess fiżiku li ma jimmodifikax b'mod intenzjonali n-natura kimika tal-komponenti tal-ħwawar **sakemm m'huwiex elenkat fl-Anness II. Huwa** ma jinvolvíx l-użu ta' ossiġnu *ta' enerġija oġhla (singlet oxygen)*, ożonu, katilizzaturi inorganiċi, katalizzaturi metalliċi, reaġenti organometalliċi u/jew radjazzjoni UV.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ħafna proċessi fiżiċi jimmodifikaw in-natura kimika tal-prodotti b'mod intenzjonali. Filwaqt li oriġinarjament kienu aċċidentali, dawn il-proċessi huma użati intenzjonalment biex iżommu l-kwalitajiet tradizzjonali. Pereżempju it-titħin tat-tewm huwa proċess li jimmodifika n-natura kimika tiegħu b'mod intenzjonali: fil-fatt, it-tewm jintahañ sabiex jinkisbu l-karatteristika u l-impatt organolettiċi tipiċi, li jseħħu minħabba xi modifiki kimiċi li jseħħu waqt il-proċess tat-titħin.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 64

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 3

3. Għall-iskop tad-definizzjonijiet li ġew elenkati fil-paragrafu 2 (e), (g) u (j), il-materjali mis-sors li sa dak iż-żmien hemm evidenza sinifikanti li ntużaw għall-produzzjoni tal-ħwawar, jitqiesu bħala ikel.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Materjali li m'humix ikel m'għandhomx jitqiesu bħala ikel.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 65

ARTIKOLU 4

Il-ħwawar jew l-ingredjenti ta' l-ikel bi propjetajiet ta' taħwir li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin biss jistgħu jintużaw

Il-ħwawar jew l-ingredjenti ta' l-ikel bi propjetajiet ta' taħwir li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin biss jistgħu jintużaw

fl-ikel jew fuq l-ikel:

(a) ibbażat fuq l-evidenza xjentifika disponibbli, mhumiex ta' periklu għas-saħħa tal-konsumatur;

(b) l-użu tagħhom ma jiżgwidax lill-konsumatur.

fl-ikel jew fuq l-ikel:

(a) ibbażat fuq l-evidenza xjentifika disponibbli ***u fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni***, mhumiex ta' periklu għas-saħħa tal-konsumatur;

(b) l-użu tagħhom ma jiżgwidax lill-konsumatur;

(ba) hemm ħtieġa teknoloġika raġonevoli ċara u l-effett mixtieq ma jistax jinkiseb billi jintużaw ħwawar mill-ħxejjex;

(bb) l-użu tagħhom għandu benefiċċju ċar għall-konsumatur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħal fil-leġislazzjoni attwali dwar l-addittivi fl-ikel, benefiċċju ċar għall-konsumatur għandu jkun ir-rekwiżit ċentrali fil-proċess ta' awtorizzazzjoni għal enzimi ta' l-ikel.

Emenda mressqa minn David Martin u Åsa Westlund

Emenda 66 ARTIKOLU 4, PUNT (B)

(b) l-użu tagħhom ma jiżgwidax lill-konsumatur.

(b) l-użu tagħhom ma jiżgwidax lill-konsumatur – ***dan jinkludi pereżempju l-kwalità nutrittiva, in-naturalezza u l-kontenut ta' frott u ħaxix ta' prodott;***

(ba) l-użu tagħhom irid ikollu vantaġġi u benefiċċji għall-konsumatur;

(bb) hemm ħtieġa teknoloġika raġonevoli biex jintużaw.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk ħwawar jew ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir jintużaw irid ikun hemm ħtieġa teknoloġika biex jintużaw u vantaġġi għall-konsumatur. M'għandhomx jiżgwidaw lill-konsumatur.

Emenda mressqa minn David Martin u Åsa Westlund

Emenda 67
ARTIKOLU 4, PUNT (B)

(b) l-użu tagħhom ma jiżgwidax lill-konsumatur.

(b) l-użu tagħhom ma jiżgwidax lill-konsumatur. ***Il-każijiet fejn il-konsumatur huwa żgwidat jinkludu, fost oħrajn, kwistjonijiet marbuta ma' kemm hu frisk il-prodott, mal-kwalità ta' l-ingredjenti użati, ma' kemm hu naturali l-prodott jew kemm hu naturali l-proċess tal-produzzjoni jew mal-kwalità nutrittiva tal-prodott.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa meħtieġ sabiex ikun hemm fehim komuni mtejjeb tat-tifsira tal-frażi 'l-konsumatur jiġi żgwidat'.

Emenda mressqa minn Kartika Tamara Liotard

Emenda 68
ARTIKOLU 4, PUNT (B)

(b) l-użu tagħhom ma jiżgwidax lill-konsumatur.

(b) l-użu tagħhom ma jiżgwidax lill-konsumatur – ***dan jinkludi pereżempju l-kwalità nutrittiva, in-naturalezza u l-kontenut ta' frott u ħaxix ta' prodott;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jinħtieġu kriterji trasparenti dwar kif għandha tittieħed deċiżjoni dwar 'il-konsumatur jiġi żgwidat'.

Emenda mressqa minn Mojca Drčar Murko

Emenda 69
ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 1

2. ***Il-livelli massimi ta' ċerti sustanzi, li huma preżenti b'mod naturali fil-ħwawar u***

2. ***Meta jkun hemm tħassib xjentifiku ġġustifikat li ċerti sustanzi, preżenti b'mod***

fl-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir, **fl**-ikel kompost li huwa elenkat fil-Parti B ta' l-Anness III **m'għandhomx jinqabżu minħabba l-użu ta' ħwawar u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir f'dak l-ikel u fuq dak l-ikel.**

naturali fil-ħwawar u fl-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir, f'ikel kompost **jista' jitqanqal tħassib dwar is-saħħa tal-konsumatur, il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta minn Stati Membri, u wara l-opinjoni ta' l-Awtorità, tistabbilixxi livelli massimi għal dawn is-sustanzi li għandhom ikunu** elenkati f'parti B ta' l-Anness III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan li jiġi estiż l-iskop tar-Regolament biex jiġu miżjuda l-ingredjenti ta' l-ikel mal-proprjetajiet ta' taħwir huwa biex jkun hemm għajjnuna fil-kontroll tal-prinċipji bijoloġiċi attivi (ċerti sustanzi huma preżenti b'mod naturali fil-ħwawar u fl-ingredjenti ta' l-ikel mal-proprjetajiet tat-taħwir). Jekk ċerti sustanzi mhux mixtieqa li joħorġu b'mod naturali jqanqlu tħassib xjentifiku għustifikat dwar is-saħħa tal-konsumatur, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi livelli massimi wara l-opinjoni ta' l-EFSA.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 70

ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 1

2. Il-livelli massimi ta' ċerti sustanzi, li huma preżenti b'mod naturali fil-ħwawar **u fl-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir**, fl-ikel kompost li huwa elenkat fil-Parti B ta' l-Anness III m'għandhomx jinqabżu minħabba l-użu ta' ħwawar **u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir** f'dak l-ikel u fuq dak l-ikel.

2. Il-livelli massimi ta' ċerti sustanzi, li huma preżenti b'mod naturali fil-ħwawar, fl-ikel kompost li huwa elenkat fil-Parti B ta' l-Anness III m'għandhomx jinqabżu minħabba l-użu ta' ħwawar f'dak l-ikel u fuq dak l-ikel.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni m'għandiex tiddiskrimina l-użu ta' ħxejjex aromatiċi u ħwawar pikkanti minħabba l-użu ta' ħwawar artifiċjali.

Emenda mressqa minn Dan Jørgensen

Emenda 71

ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 1

2. Il-livelli massimi ta' ċerti sustanzi, li huma preżenti b'mod naturali fil-ħwawar u fl-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir, ***fl-ikel kompost li huwa elenkat fil-Parti B ta' l-Anness III*** m'għandhomx jinqabżu ***minħabba l-użu ta' ħwawar u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir f'dak l-ikel u fuq dak l-ikel.***

2. Il-livelli massimi ***elenkati f'Parti B ta' l-Anness III*** ta' ċerti sustanzi, preżenti b'mod naturali fil-ħwawar u fl-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir m'għandhomx jinqabżu ***meta qed jintużaw ħwawar jew ingredjenti ta' l-ikel fl-ikel kompost.***

Or. da

Ġustifikazzjoni

Ændringsforslaget skal læses i sammenhæng med forslag X til ændring af bilag III. Bilag III indeholder stoffer, der skal begrænses, idet de i flere tilfælde er mistænkt for at være skadelige. I de gældende regler om fødevareromaer er der fastsat generelle grænseværdier for en række af de i bilaget angivne stoffer, der ikke må tilsættes fødevarer, men som kan forekomme, da de udgør en bestanddel af tilladte aromastoffer. I Kommissionens forslag er de generelle grænseværdier taget ud til fordel for en regulering med grænseværdier for specifikke fødevarergrupper. Ændringsforslaget skal fremsættes med henblik på fastholdelse af generelle grænseværdier i aromaforordningen, hvilket er den bedste måde at sikre, at alle forekomster af de angivne stoffer begrænses.

Emenda mressqa minn Anja Weisgerber

Emenda 72

ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 2 A (ĠDID)

2a. Fid-dawl ta' l-iskoperti xjentifiċi ta' l-aħħar, il-lista fl-Anness III, Parti B, għandha tiġi reveduta regolament u, meta meħtieġ, tiġi aġġornata.

L-aġġornament jista' jinkludi wkoll it-tneħħija mill-Anness III, Parti B, ta' materjali mis-sors, kif imsemmi fl-Artikolu 3(2)(j)(i) Għal dak il-għan il-Kummissjoni tista' tingħata l-istudji li qed iseħħu fil-preżent biex jiġi determinat li l-materjali tas-sors u l-prodotti magħmulin minnhom ma jagħmlux ħsara lis-saħħa. Wara li kkonsultat l-Awtorità Ewropea għas-

Sikurezza ta' l-Ikel, il-Kummissjoni għandha tfassal lista ta' ingredjenti jew sustanzi li għandhom jiġu esklużi mill-Anness III, Parti B.

Minkejja t-tieni subparagrafu t'hawn fuq, l-Anness III, Parti B, jista' jiġi emendat bil-proċedura speċifikata fl-Artikolu 18(2) wara li l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel tkun ħarġet opinjoni skond l-Artikolu 29 tar-Regolament(KE) Nru.178/2002.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Fejn jidħlu l-istudji l-ġodda, teżisti evidenza xjentifika li ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir, bħal ħxejjex aromatiċi u ħwawar pikkanti, u prodotti magħmulin minn dawn l-ingredjenti (estratti) m'huma ta' ebda periklu għas-saħħa. Sabiex wieħed ikun jaf min ħin għall-ieħor dwar il-livell ta' għarfien u l-progress xjentifiku fir-rigward tal-preżenza ta' 'prinċipji attivi' f'ingredjenti ta' l-ikel partikolari bi proprjetajiet ta' taħwir u ta' prodotti magħmulin bl-użu ta' dawn l-ingredjenti, huwa importanti li jiġi żgurat li l-lista fl-Anness III, Parti B, tkun tista' tiġi reveduta malajr.

Emenda mressqa minn John Bowis

Emenda 73

ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 2 A (ĠDID)

2a. B'deroga mill-paragrafu 2, il-livelli massimi m'għandhomx japplikaw meta ikel kompost ma jkunx fih ħwawar miżjudin u l-uniċi ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir miżjuda jkunu friski jew ħxejjex innixxa jew ħwawar pikkanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni ta' l-emenda ta' l-Artikolu 2(2) (c) (ġdid) dwar ħxejjex friski jew innixxa u ħwawar pikkanti.

Emenda mressqa minn David Martin u Åsa Westlund

Emenda 74
ARTIKOLU 6, PARAGRAFU 1

**1. Il-materjali mis-sors li huma elenkati fil-
Parti A ta' l-Anness IV m'għandhomx
jintużaw għall-produzzjoni ta' ħwawar u
ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta'
taħwir. imħassar**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' lista negattiva aktar milli waħda pożittiva bħal din tista' tippermetti l-użu ta' sustanza ġdida sakemm din tiġi analizzata u, jekk jinsab li tkun ta' periklu, wara tiġi inkluża mal-lista negattiva. Hemm ir-riskju ta' espożizzjoni għal sustanza perikoluża li tagħmel ħsara lis-saħħa tal-konsumatur.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 75
ARTIKOLU 6, PARAGRAFU 1

**1. Il-materjali mis-sors li huma elenkati fil-
Parti A ta' l-Anness IV m'għandhomx
jintużaw għall-produzzjoni ta' ħwawar u
ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta'
taħwir.**

**1. Il-materjali mis-sors li huma elenkati fil-
Parti A ta' l-Anness IV *biss* jistgħu jintużaw
għall-produzzjoni ta' ħwawar u ingredjenti
ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija aktar xierqa lista pożittiva ta' materjali mis-sors għal protezzjoni tal-konsumatur minn sustanzi mhux mixtieqa.

Jekk tiġi adottata, it-titolu ta' l-Anness IV irid jinbidel kif xieraq.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 76
ARTIKOLU 8, PARTI INTRODUTTIVA

Il-Kapitolu preżenti japplika:

Mingħajr preġudizzju lejn il-ħwawar affumikati li huma awtorizzati skond r-Regolament (KE) Nru.2065/2003, il-kapitolu preżenti japplika:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li wieħed jindika li l-ħwawar bl-affumikazzjoni li huma parti mir-Regolament (KE) Nru.2065/2003 jridu jiġu awtorizzati skond dak ir-Regolament.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 77

ARTIKOLU 8 PUNT (F A) (ĠDID)

(fa) il-ħwawar bl-affumikazzjoni li ma jaqgħux fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru.2065/2003.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jintqal li l-ħwawar bl-affumikazzjoni li ma jaqgħux fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 2065/2003 għandhom bżonn evalwazzjoni u approvazzjoni skond dan ir-Regolament.

Emenda mressqa minn Mojca Drčar Murko

Emenda 78

ARTIKOLU 11

Il-ħwawar jew il-materjal mis-sors li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru.1829/2003 jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja biss ***wara li jkunu ġew awtorizzati*** skond ***il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003.***

Il-ħwawar jew il-materjal mis-sors li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru.1829/2003 Nru.1829/2003 jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja ***skond dan ir-Regolament*** biss ***meta tkun koperta b'awtorizzazzjoni*** bi qbil mar-Regolament Nru 1829/2003.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Marbuta ma' l-emenda tal-premessa 20

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 79
ARTIKOLU 11

Il-**ħwawar jew** il-materjal **mis-sors** li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru.1829/2003 jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja **biss wara** li jkunu ġew awtorizzati skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 4, 8 u 9 ta' dan r-Regolament, ħwawar **li ġejjin minn** materjal li jaqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru.1829/2003 jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja **ladarba** jiġu awtorizzati skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xi sezzjonijiet mill-proposta jistgħu jiġu miżinterpretati għaliex jitolbu lill-kumpaniji biex jippreżentaw evalwazzjonijiet tas-sikurezza EFSA multipli, sekwenzjali u duplikati u awtorizzazzjonijiet għal ċerti ħwawar li ġejjin mill-pjanti (kif ukoll enzimi u additivi ta' l-ikel) Filwaqt li duplikat bħal dan m'huwiex l-intenzjoni tal-leġiżlazzjoni proposta, huwa importanti li titneħħa din l-ambigwià sabiex tiġi evitata l-kunfużjoni u l-isfrattu potenzjali tas-suq.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 80
ARTIKOLU 11

Il-**ħwawar jew** il-materjal **mis-sors** li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru.1829/2003 jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja **biss wara** li jkunu ġew **awtorizzati** skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003.

Il-**ħwawar jew** il-materjal **mis-sors** li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru.1829/2003 jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja **biss wara li jkunu ġew sottoposti għall-evalwazzjoni tas-sikurezza tal-modifikazzjoni ġenetika** skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 7 **tar-**Regolament (KE) Nru. 1829/2003.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ċar li ma jeżistux żewġ proċeduri ta' awtorizzazzjoni differenti meta l-ħwawar jinkludu komponenti ĠM. L-awtorizzazzjoni għall-ħwawar għandha tantiċipa, b'mod parallel, l-immaniġġjar tal-Kummissjoni fir-rigward ta' evalwazzjoni tas-sikurezza tal-modifikazzjoni ġenetika, sabiex tippermetti l-approvazzjoni globali sussegwenti taħt dan ir-Regolament.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 81

ARTIKOLU 13, PARAGRAFU 1 , PUNT (A)

(a) id-deskrizzjoni tal-bejgħ: **jew it-terminu 'ħwawar' jew isem jew deskrizzjoni** iktar speċifiku tal-ħwawar;

(a) id-deskrizzjoni tal-bejgħ: l-isem speċifiku tal-ħwawar;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet għall-ittikkettjar għandhom jiġu ċċarati.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 82

ARTIKOLU 13, PARAGRAFU 1, PUNT (B)

(b) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indrizz tal-manifattur jew tal-persuna li tippakkja, jew ta' bejjiegħ;

(b) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indrizz tal-manifattur jew tal-persuna li tippakkja, jew ta' bejjiegħ **stabbilit fil-Komunità;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-traċċabilità għandha tiġi żgurata u d-dispożizzjonijiet ta' l-ittikkettjar imniżżla fid-Direttiva 2000/13/KE, fir-rigward tal-konsumatur aħħari, għandhom jiġu applikati. Għaldaqstant għandu jiġi stabbilit operatur kummerċjali fl-UE.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 83

ARTIKOLU 13, PARAGRAFU 1 , PUNT (D)

(d) lista f'ordni minn fuq għal isfel skond il-piż ta':

(i) il-kategoriji tal-**ħwawar preżenti**, u

(ii) l-ismijiet ta' kull waħda mis-sustanzi l-oħra jew ta' kull wieħed mill-materjali l-oħrajn li jinsabu fil-prodott jew, fejn ikun xieraq, il-kodiċi E tagħhom;

(d) lista f'ordni minn fuq għal isfel skond il-piż ta':

(i) il-kategoriji tas-sustanzi tat-taħwir u l-preparazzjonijiet tal-ħwarar kif definiti fl-Artikolu 3; u

(ii) **f'każ ta' taħlita ta' ħwawar ma' sustanzi jew materjali oħra li huma awtorizzati bħala additivi jew prodotti użati biex iħollu u jgħammdu** l-ismijiet ta' kull **kategorija msemmija f' (i) u l-isem tas-sustanzi** jew materjali l-oħra **kollha** li fih il-prodott jew, fejn ikun xieraq, il-kodiċi E tagħhom;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġu ċċarati l-possibilitajiet different, jiġifieri, fil-każ ta' taħlita ta' ħwawar ma' sustanzi jew materjali oħra, it-tifsira ta' kategoriji u il-kategoriji kif definiti fl-Artikolu 3.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter u Bart Staes

Emenda 84

ARTIKOLU 13, PARAGRAFU 1 , PUNT (D), (II)

l-ismijiet ta' kull waħda mis-sustanzi l-oħra jew ta' kull wieħed mill-materjali l-oħrajn li jinsabu fil-prodott **jew, fejn ikun xieraq**, il-kodiċi E tagħhom;

l-ismijiet ta' kull waħda mis-sustanzi l-oħra jew ta' kull wieħed mill-materjali l-oħrajn li jinsabu fil-prodott, il-kodiċi E tagħhom, **u, fejn ikun xieraq, l-indikazzjoni "prodott magħmul minn GMOs"**,

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' l-ittikkettjar għandhom jiġu ċċarati fir-rigward ta' enzimi li jinħolqu minn GMOs. Dan huwa konformi mal-kunċett ta' 'l-aħħar organiżmu li jibqa' ħaj' ('last living organism') li jirregola d-dispożizzjonijiet ta' l-ittikkettjar tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 dwar l-ikel u l-għalf GM.

Emenda mressqa minn Kartika Tamara Liotard

Emenda 85

ARTIKOLU 13, PARAGRAFU 1 , PUNT (D), (II)

l-ismijiet ta' kull waħda mis-sustanzi l-oħra jew ta' kull wieħed mill-materjali l-oħrajn li jinsabu fil-prodott ***jew***, fejn ikun xieraq, il-kodiċi E tagħhom;

l-ismijiet ta' kull waħda mis-sustanzi l-oħra jew ta' kull wieħed mill-materjali l-oħrajn li jinsabu fil-prodott ***u***, fejn ikun xieraq, il-kodiċi E tagħhom;

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemm ebda raġuni għaliex m'għandux jiġi indikat il-kodiċi E meta dan jeżisti.

Emenda mressqa minn Anja Weisgerber

Emenda 86

ARTIKOLU 14

1. It-terminu 'naturali' jista' jintuża ***biss*** biex ikunu deskritti l-ħwawar fid-deskrizzjoni tal-bejgħ li tissemma fl-Artikolu 13(1)(a) kif previst fil-paragrafi 2 sa 6.

2. It-terminu 'naturali' għad-deskrizzjoni tal-ħwawar tista' tintuża biss jekk il-komponent ta' taħwir jinkludi biss preparazzjonijiet ta' taħwir u/jew sustanzi naturali ta' taħwir.

3. It-terminu "sustanza(i) ta' taħwir naturali" jista' jintuża biss għall-ħwawar fejn il-komponent ta' taħwir fih esklużivament sustanzi naturali ta' taħwir.

4. It-terminu 'naturali' jista' jintuża ***biss*** flimkien ma' referenza għal ikel, kategorija ta' ikel jew sors ta' taħwir li ġej minn ħxejjex jew annimali, jekk mill-inqas 90% [w/w] tal-komponent ta' taħwir ikun inkiseb mill-materjal tas-sors imsemmi.

Il-komponent ta' taħwir jista' jkun fih preparazzjonijiet ta' taħwir u/jew sustanzi ta' taħwir naturali.

Id-deskrizzjoni għandha taqra "ħwawar ikel jew kategorija ta' l-ikel jew sors(i) ta' l-ikel

1. It-terminu 'naturali' jista' jintuża biss biex ikunu deskritti l-ħwawar fid-deskrizzjoni tal-bejgħ li tissemma fl-Artikolu 13(1)(a) kif previst fil-paragrafi 2 sa 6.

2. It-terminu 'naturali' għad-deskrizzjoni tal-ħwawar tista' tintuża biss jekk il-komponent ta' taħwir jinkludi biss preparazzjonijiet ta' taħwir u/jew sustanzi naturali ta' taħwir.

3. It-terminu "sustanza(i) ta' taħwir naturali" jista' jintuża biss għall-ħwawar fejn il-komponent ta' taħwir fih esklużivament sustanzi naturali ta' taħwir.

4. It-terminu 'naturali' jista' jintuża biss flimkien ma' referenza għal ikel, kategorija ta' ikel jew sors ta' taħwir ta' veġetali jew annimali, jekk mill-inqas 90% [w/w] tal-komponent ta' taħwir inkiseb mill-materjal mis-sors imsemmi.

Il-komponent ta' taħwir jista' jkun fih preparazzjonijiet ta' taħwir u/jew sustanzi ta' taħwir naturali ***biss***.

Id-deskrizzjoni għandha taqra "ħwawar ikel jew kategorija ta' l-ikel jew sors(i) ta' l-ikel

naturali”.

5. “Ħwawar ikel jew kategorija ta’ l-ikel jew sors(i) ta’ l-ikel naturali bi ħwawar naturali oħra” tista’ tintuża **biss** jekk il-komponent ta’ taħwir ġej b’mod parzjali mill-materjal mis-sors imsemmi u li jista’ jingħaraf faċilment.

Il-komponent ta’ taħwir jista’ jkun fih preparazzjonijiet ta’ taħwir u/jew sustanzi ta’ taħwir naturali.

6. It-terminu “sustanza ta’ taħwir naturali” jista’ jintuża **biss** jekk il-komponent ta’ taħwir ġej minn materjali mis-sors differenti u fejn referenza għall-materjali mis-sors m’għandiex tirrifletti l-benna jew it-togħma tagħhom.

Il-komponent ta’ taħwir jista’ jkun fih preparazzjonijiet ta’ taħwir u/jew sustanzi ta’ taħwir naturali.

naturali”.

5. “Ħwawar ikel jew kategorija ta’ l-ikel jew sors(i) ta’ l-ikel naturali bi ħwawar naturali oħra” tista’ tintuża jekk il-komponent ta’ taħwir ġej b’mod parzjali mill-materjal mis-sors imsemmi u li jista’ jingħaraf faċilment.

Il-komponent ta’ taħwir jista’ jkun fih preparazzjonijiet ta’ taħwir u/jew sustanzi ta’ taħwir naturali **biss**.

6. It-terminu “sustanza ta’ taħwir naturali” jista’ jintuża jekk il-komponent ta’ taħwir ġej minn materjali mis-sors differenti u fejn referenza għall-materjali mis-sors m’għandiex tirrifletti l-benna jew it-togħma tagħhom.

Il-komponent ta’ taħwir jista’ jkun fih preparazzjonijiet ta’ taħwir u/jew sustanzi ta’ taħwir naturali **biss**.

Or. de

Emenda mressqa minn Anja Weisgerber

Emenda 87

ARTIKOLU 14, PARAGRAFU 4, SUBPARAGRAFU 1

4. It-terminu ‘naturali’ jista’ jintuża biss flimkien ma’ referenza għal ikel, kategorija ta’ ikel jew sors ta’ taħwir li ġej minn ħxejjex jew annimali, jekk **mill-inqas 90% [w/w]** tal-**komponent** ta’ taħwir **ikun** inkiseb mill-materjal tas-sors imsemmi.

4. It-terminu ‘naturali’ jista’ jintuża biss flimkien ma’ referenza għal ikel, kategorija ta’ ikel jew sors ta’ taħwir li ġej minn ħxejjex jew annimali, jekk il-**komponenti** ta’ taħwir **kollha jkunu** nkisbu mill-materjal tas-sors imsemmi.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Proporzjon ta’ 90 parti għal 10 jmur kontra r-rekwiżiti fl-Artikolu 4(b) li jgħid li l-konsumaturi m’għandhomx jitqarqu dwar l-użu tal-ħwawar u kif ukoll, b’ mod aktar speċifiku, jmur kontra l-pemessa 21, li tistipula li s-sustanzi jew it-taħlita tat-taħwir m’għandhomx jiġu ittikkettati bħala ‘naturali’ sakemm ma jikkonformawx mal-kriterji msemmija li jservu biex il-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.

Emenda mressqa minn Mojca Drčar Murko

Emenda 88

ARTIKOLU 14, PARAGRAFU 4, SUBPARAGRAFU 1

4. It-terminu 'naturali' jista' jintuża biss flimkien ma' referenza għal ikel, kategorija ta' ikel jew sors ta' taħwir li ġej minn ħxejjex jew annimali, jekk mill-inqas **90%** [w/w] tal-komponent ta' taħwir ikun inkiseb mill-materjal tas-sors imsemmi.

4. It-terminu 'naturali' jista' jintuża biss flimkien ma' referenza għal ikel, kategorija ta' ikel jew sors ta' taħwir ta' veġetali jew annimali, jekk mill-inqas **95%** [w/w] tal-komponent ta' taħwir inkiseb mill-materjal mis-sors imsemmi.

Or. sl

Ġustifikazzjoni

Il-proporzjon ta' 90/10 jista' jgħannaq bil-konsumaturi. It-test propost jista' jagħti lill-konsumaturi l-impressjoni li l-ħwawar inkiseb primarjament mill-komponent ewlieni msemmi, mentri fil-fatt, l-10% li jifdal ikun inkiseb minn ingredjenti kompletament differenti. Il-proporzjon għandu jkun ta' 95/5.

Emenda mressqa minn Marie-Noëlle Lienemann

Emenda 89

ARTIKOLU 14, PARAGRAFU 4, SUBPARAGRAFU 1

4. It-terminu 'naturali' jista' jintuża biss flimkien ma' referenza għal ikel, kategorija ta' ikel jew sors ta' taħwir li ġej minn ħxejjex jew annimali, jekk mill-inqas **90%** [w/w] tal-komponent ta' taħwir ikun inkiseb mill-materjal tas-sors imsemmi.

4. It-terminu 'naturali' jista' jintuża biss flimkien ma' referenza għal ikel, kategorija ta' ikel jew sors ta' taħwir li ġej minn ħxejjex jew annimali, jekk mill-inqas **95%** [w/w] tal-komponent ta' taħwir ikun inkiseb mill-materjal tas-sors imsemmi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Disgħin fil-mija jirrappreżenta l-prattika attwali u ġie stabbilit b'konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet fi żmien l-adozzjoni tad-Direttiva 88/388KEE. Idealment dan jinżamm għaliex kwalunkwe tnaqqis se ikollu bżonn riformulazzjoni konsiderevoli u/jew ittikkettjar mill-ġdid tal-prodotti fuq is-suq. Madankollu, hemm emendi li qed jitolbu tnaqqis għal 98% li jagħmel ir-riformulazzjoni ta' numru ta' tipi ta' ħwawar verament diffiċli; 95% huwa l-massimu assolut li xorta jippermetti li tiġi prodotta varjetà kbira ta' ħwawar naturali.

Emenda mressqa minn Ria Oomen-Ruijten u Lambert van Nistelrooij

Emenda 90

ARTIKOLU 14, PARAGRAFU 6, SUBPARAGRAFU 1

6. It-terminu "sustanza ta' taħwir naturali" jista' jintuża biss jekk il-komponent ta' taħwir ġej minn materjali mis-sors differenti u fejn referenza għall-materjali mis-sors m'għandiex tirrifletti l-benna jew it-togħma tagħhom.

6. It-terminu "sustanza ta' taħwir naturali" jista' jintuża biss jekk il-komponent ta' taħwir ġej minn materjali mis-sors differenti u fejn referenza għall-materjali mis-sors m'għandiex tirrifletti l-benna jew it-togħma tagħhom, **u fiċ-ċirkustanzi deskritti f'paragrafi 4 u 5.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu tat-terminu "sustanza ta' taħwir naturali" ma tistax tkun limitata għall-każijiet deskritti fl-Artikolu 14(6), għaliex skond l-Artikolu 14(4) id-deskrizzjoni 'sustanza ta' taħwir naturali X' tista' tintuża biss jekk ta' l-inqas 90% tal-komponent ta' taħwir ġej minn X. Barra minn hekk, skond l-Artikolu 14(5) id-deskrizzjoni 'sustanza ta' taħwir naturali ma' sustanzi ta' taħwir naturali oħra' tista' tintuża biss jekk inqas minn 90% tat-taħwir ġej minn X.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 91

ARTIKOLU 14, PARAGRAFU 6, SUBPARAGRAFU 2

Il-komponent ta' taħwir jista' jkun fih preparazzjonijiet ta' taħwir u/jew sustanzi ta' taħwir naturali.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-Subparagrafu 2 mhux neċessarju; huwa superfluwu

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 92

ARTIKOLU 15, PARAGRAFU 1

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, il-ħwawar maħsuba għall-bejgħ

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, ***id-Direttiva 89/396/KEE u,***

lill-konsumatur finali jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk l-ippakkjar tagħhom fih id-dikjarazzjoni jew 'għall-użu fl-ikel' jew id-dikjarazzjoni 'użu ristrett fl-ikel' jew referenza iktar speċifika għall-użu maħsub tagħhom fl-ikel, li trid tkun viżibbli faċilment, tinqara b'mod ċar u indelibbli.

fejn hu xieraq, ir-Regolament (KE) Nru. 1829/2003, il-ħwawar maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk l-ippakkjar tagħhom fih id-dikjarazzjoni jew 'għall-użu fl-ikel' jew id-dikjarazzjoni 'użu ristrett fl-ikel' jew referenza iktar speċifika għall-użu maħsub tagħhom fl-ikel, li trid tkun viżibbli faċilment, tinqara b'mod ċar u indelibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ittikkettjar ta' ħwawar maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali għandu jiġi magħmul b'konformità mad-Direttiva 89/396/KEE li tikkonċerna dak il-grupp u mar-Regolament (KE) GMO Nru.1829/2003, fejn hu xieraq, għall-ittikkettjar tat-taħwir ta' l-ikel li fih, li jikkonsisti minn jew huwa magħmul minn GMOs.

Emenda mressqa minn Pilar Ayuso

Emenda 93

ARTIKOLU 16, PARAGRAFU 1

1. L-operaturi tal-kummerċ fl-ikel jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-ammonti annwali ta' sustanzi ta' taħwir li ġew miżjuda ma' l-ikel fil-Komunità u l-livelli ta' l-użu għal kull kategorija ta' l-ikel fil-Komunità.

1. Produttur jew utent ta' sustanza ta' taħwir għandu jinforma lill-Kummissjoni minnufih b'data xjentifika jew teknika ġdida li jaf biha u li hija disponibbli li tista' taffettwa l-evalwazzjoni tas-sikurezza tas-sustanzi ta' taħwir.

1a. L-industrija ta' l-ikel li tuża ħwawar li fihom is-sustanzi tat-taħwir u l-produttur tal-ħwawar għandhom b'koperazzjoni, fuq talba tal-Kummissjoni, jinfurmawha dwar l-użu effettiv tas-sustanzi ta' taħwir. L-informazzjoni mogħtija f'dan il-kuntest għandha titqies bħala data kunfidenzjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporti dwar l-ammonti annwali ta' kull sustanza ta' taħwir miżjuda ma' l-ikel u l-livelli ta' l-użu għal kull kategorija se jkun estremament diffiċli biex jinġabru, għaliex il-fornitur tat-taħwir ma jkunx neċessarjament jaf f'liema kategorija ta' l-ikel qed jintuża t-taħwir, u l-

anqas ikun jaf id-doża preċiża li ntużat. Għaldaqstant din l-informazzjoni x'aktarx ma tgħinx fil-valutazzjoni tal-konsum u fl-evalwazzjoni tas-sikurezza.

Emenda mressqa minn Anja Weisgerber

Emenda 94

ARTIKOLU 16, PARAGRAFU 1

1. L-operaturi tal-kummerċ fl-ikel *jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-ammonti annwali ta' sustanzi ta' taħwir li ġew miżjuda ma' l-ikel fil-Komunità u l-livelli ta' l-użu għal kull kategorija ta' l-ikel fil-Komunità.*

1. L-operaturi tal-kummerċ fl-ikel, *inklużi l-manifattur/min iħallat u l-utent ta' sustanza ta' taħwir, għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien data xjentifika bħal din jew informazzjoni teknika li huma jafu u li għandhom għaliex tista' taffettwa l-evalwazzjoni tas-sikurezza ta' sustanza ta' taħwir.*

1a. L-operaturi tal-kummerċ fl-ikel, inklużi l-manifattur/min iħallat u l-utent ta' sustanza ta' taħwir, għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, meta dan titolbu, dwar l-użu effettiv tas-sustanzi ta' taħwir, jekk dawn ikollhom aċċess għad-data rilevanti. L-informazzjoni mogħtija għandha titqies kunfidenzjali.

Or. de

Emenda mressqa minn Ria Oomen-Ruijten u Lambert van Nistelrooij

Emenda 95

ARTIKOLU 16, PARAGRAFU 1

1. *L-operaturi tal-kummerċ fl-ikel jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-ammonti annwali ta' sustanzi ta' taħwir li ġew miżjuda ma' l-ikel fil-Komunità u l-livelli ta' l-użu għal kull kategorija ta' l-ikel fil-Komunità.*

1. *Produttur jew utent tal-ħwawar għandu jinforma lill-Kummissjoni minnufih b'informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida li jaf biha u li hija disponibbli li tista' taffettwa l-evalwazzjoni tas-sikurezza tas-sustanzi ta' taħwir.*

1a. Fuq talba tal-Kummissjoni, produttur jew utent tal-ħwawar għandu jinformaha dwar l-użu effettiv tat-taħwir..

Ġustifikazzjoni

Sabiex tinħoloq konsistenza u koerenza mal-pakkett leġiżlattiv dwar il-proċess ta' awtorizzazzjoni (COM(2006) 423), u l-użu ta' additivi (COM(2006) 428) u l-użu ta' enzimi (COM(2006) 425), għandu jintuża l-istess kliem fir-rigward ta' l-obbligu ta' informazzjoni' kif qiegħed fl-abbozz tal-proposta għal regolament għall-additivi (Artikolu 26 'l-Obbligu ta' informazzjoni') u għall-enzimi (Artikolu 15 'l-Obbligu ta' informazzjoni'), It-tnejn li huma jikkellmu dwar kwistjoni ta' sikurezza, filwaqt li l-konsum m'għandux x'jaqsam eżattament ma' sikurezza

Emenda mressqa minn Françoise Grossetête

Emenda 96

ARTIKOLU 16, PARAGRAFU 1

1. L-operaturi tal-kummerċ fl-ikel jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-ammonti annwali ta' sustanzi ta' taħwir li ġew miżjuda ma' l-ikel fil-Komunità u l-livelli ta' l-użu għal kull kategorija ta' l-ikel fil-Komunità.

1. Il-produtturi jew l-utenti ta' sustanzi ta' taħwir għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe data xjentifika jew tenika ġdida li saru jafu biha u li jista' jkollha impatt fuq il-kontrolli tas-sikurezza tas-sustanzi ta' taħwir ikkonċernati.

Ġustifikazzjoni

Dan ir-regolament dwar il-ħwawar jagħmel parti minn korpus ta' leġiżlazzjoni li jinkorpora l-enzimi u l-additivi ta' l-ikel. Għaldaqstant huwa loġiku li jkun hemm armonizzazzjoni ta' l-informazzjoni li għandhom jagħtu l-operaturi tal-kummerċ fl-ikel. Kull operatur għandu jintalab biex jagħti kwalunkwe informazzjoni xjentifika ġdida li jista' jkollha effett fuq il-valutazzjoni tas-sikurezza ta' sustanza tat-taħwir. Dispożizzjoni f'dan ir-rigward tiżgura li jista' jiġi ppruvat li l-ħwawar li jintużaw huma sikuri qabel ma effettivament jitpoġġew fis-suq.

Emenda mressqa minn David Martin u Åsa Westlund

Emenda 97

ARTIKOLU 16, PARAGRAFU 2 A (ĠDID)

2a. Produttur jew utent ta' sustanza ta' taħwir għandu jinforma lill-Kummissjoni minnufih bi kwalunkwe informazzjoni

xjentifika jew teknika ġdida li tista' taffettwa l-valutazzjoni tas-sikurezza tas-sustanza ta' taħwir.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jagħmel il-proposta konformi ma' dawk dwar l-additivi u l-enzimi u jgħin sabiex tkun żgurata l-protezzjoni kontinwa tal-konsumatur fid-dawl ta' l-informazzjoni l-aktar aġġornata.

Emenda mressqa minn Mojca Drčar Murko

Emenda 98

ARTIKOLU 26

Anness III, paragrafu 1, inċiż 1 (Direttiva 2000/13/KE)

“ħwawar” jew isem jew deskrizzjoni iktar speċifiku tal-ħwawar, jekk il-komponent ta' taħwir fih il-ħwawar kif inhuma ddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b), (d), (e), (g) u (h) tar-Regolament (KE) Nru. [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament dwar il-ħwawar];

“ħwawar” jew isem jew deskrizzjoni iktar speċifiku tal-ħwawar, jekk il-komponent ta' taħwir fih il-ħwawar kif inhuma ddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b), (c), (d), (e), (g) u (h) tar-Regolament (KE) Nru. [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament dwar il-ħwawar];

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta jintużaw 'sustanzi ta' taħwir naturali' l-industriji għandhom it-tendenza jenfasizzaw dal-fatt; iżda, il-limiti ta' spazju fuq it-tiketta tal-prodott jistgħu jwasslu għal dikjarazzjoni tat-terminu 'ħwawar' biss fil-lista ta' l-ingredjenti. Dan ir-Regolament għandu jżomm dik l-għażla.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 99

ARTIKOLU 26

Anness III, paragrafu 1, inċiż 1 (Direttiva 2000/13/KE)

“ħwawar” jew isem jew deskrizzjoni iktar speċifiku tal-ħwawar, jekk il-komponent ta' taħwir fih il-ħwawar kif inhuma ddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b), (d), (e), (g) u (h) tar-Regolament (KE) Nru. [...] tal-Parlament

-“ħwawar” jew isem jew deskrizzjoni iktar speċifiku tal-ħwawar, jekk il-komponent ta' taħwir fih il-ħwawar kif inhuma ddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b), (c), (d), (e), (g) u (h) tar-Regolament (KE) Nru. [...] tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament
dwar il-ħwawar];

Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament
dwar il-ħwawar];

Or. en

Ġustifikazzjoni

'Sustanzi ta' taħwir naturali' għandha tiġi inkluża.

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 100

ARTIKOLU 26

Anness III, paragrafu 1, inċiż 2 (Direttiva 2000/13/KE)

“ħwawar bl-affumikazzjoni” jekk il-komponent ta’ taħwir fih il-ħwawar kif iddefiniti fl-Artikolu 3 (2) (f) tar-Regolament KE Nru [...] [ir-Regolament dwar il-ħwawar] u jagħti benna ta’ affumikat lill-ikel.

“ħwawar bl-affumikazzjoni”, ***jew isem jew deskrizzjoni aktar speċifiċi tal-ħwawar bl-affumikazzjoni***, jekk il-komponent ta’ taħwir fih il-ħwawar kif iddefiniti fl-Artikolu 3 (2) (f) tar-Regolament KE Nru [...] [ir-Regolament dwar il-ħwawar] u jagħti benna ta’ affumikat lill-ikel

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha tkun possibbli deskrizzjoni tan-nota ta' taħwir bl-affumikat b'deskrizzjoni bħal taħwir bl-affumikat (taħwir bil-bejken).

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 101

ARTIKOLU 26

Anness III paragrafu 2a (ġdid) (Direttiva 2000/13/KE)

2a. Għall-ħwawar magħmul minn materjal tas-sors li jaqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003, l-indikazzjoni "magħmul minn GMOs" għandha tidher fuq it-tikketta.

Għall-ħwawar magħmul b'organiżmu li jaqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003, m'hemmx bżonn ta' tikketta

speċifika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet dwar l-ittikkettjar fir-rigward ta' l-enzimi magħmulin mill-GMOs għandhom ikunu ċċarati Dan huwa konfromi mal-kunċett ta' l- 'aħħar organiżmu ħaj' li jiddetermina d-dispożizzjonijiet ta' l- ittikkettjar tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 dwar l-ikel u l-għalf modifikat ġenetikament.

Emenda mressqa minn Anja Weisgerber

Emenda 102

ARTIKOLU 27, PARAGRAFU 2

Għandu japplika mill- [jekk jogħġbok niżżel id-data] [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ].
Madankollu, l-**Artikoli 9, 23 u 24** għandhom japplikaw **mid-data ta' l-applikazzjoni** tal-lista Komunitarja.

Għandu japplika mill- [jekk jogħġbok niżżel id-data] [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ].
Madankollu, l-**Artikolu 9** għandu japplika **18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ** tal-lista Komunitarja.

Or. de

Emenda mressqa minn Anja Weisgerber

Emenda 103

ARTIKOLU 27, PARAGRAFU 2 A (ĠDID)

Ħwawar u ikel li tpoġġew legalment fis-suq qabel id-dati msemmija hawn fuq jistgħu jibqgħu jintużaw sakemm jiġi ppreżentat l-istokkijiet.

Or. de

Emenda mressqa minn John Bowis

Emenda 104

ARTIKOLU 27, PARAGRAFU 2 A (ĠDID)

Ħwawar u ikel li tpoġġew legalment fis-suq qabel dawn id-dati rispettivi msemmija

***hawn fuq jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq
u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Stokkijiet ta' prodotti li tpoġġew legalment fis-suq qabel l-adozzjoni tar-Regolament għandhom jitħallew għall-konsum mingħajr ma jitneħħew mis-suq.

Emenda mressqa minn Françoise Grossetête

Emenda 105

ARTIKOLU 27, PARAGRAFU 2 A (ĠDID)

***Sustanzi ta' taħwir li tpoġġew fis-suq
legalment qabel dawn id-dati rispettivi
jistgħu jintużaw sakemm jispiċċaw l-
istokkijiet.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi stabbilit perjodu tranżizzjonali għas-sustanzi ta' taħwir li tpoġġa fis-suq qabel l-adozzjoni futura ta' dan ir-regolament dwar il-ħwawar. Il-perjodu tranżizzjonali huwa bżonnjuż sabiex il-produzzjoni tkun tista' timxi bla problemi filwaqt li jiggerantixxi s-sikurezza tal-konsumatur.

Emenda mressqa minn Ria Oomen-Ruijten u Lambert van Nistelrooij

Emenda 106

ARTIKOLU 27, PARAGRAFU 2 A (ĠDID)

***Ħwawar u ikel li tpoġġew legalment fis-suq
qabel dawn id-dati rispettivi msemmija
hawn fuq jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq
u jintużaw sa 12 il-xahar wara d-data ta' l-
applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi inkluż perjodu tranżizzjonali li jippermetti l-bejgħ u l-użu tal-ħwawar u l-ikel li

tpoġġew legalment fis-suq qabel l-adozzjoni tiegħu.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 107

ANNEX II, RINGIELLA 5, KOLONNA 1

Evaporazzjoni

Evaporazzjoni ***jew innixxef b'metodu
ffriżat***

Or. pl

Ġustifikazzjoni

B'konnessjoni mas-sustanzi naturali, metodu ta' proċessar li jintuża ta' spiss huwa li jitnixxfu l-materjali li ġejjin mill-veġetali jew mill-annimali li għandhom kontenut għoli ta' ilma billi jiġu ffriżati u wara jissaffew mill-eċċess tal-likwidu.

Emenda mressqa minn Dan Jørgensen

Emenda 108

ANNEX III, PARTI A, SUSTANZI ĠODDA

L-Aloin

Il-Coumarin

Or. da

Ġustifikazzjoni

Huma indikati l-livelli massimi għall-aloin u għall-coumarin għaliex dawn is-sustanzi huma regolati skond id-dispożizzjonijiet rilevanti u t-tnejn li huma baqgħu jippreżentaw riskji tossikoloġiċi.

Emenda mressqa minn Mojca Drčar Murko

Emenda 109

ANNEX III, PARTI (B)

Test propost mill-Kummissjoni

Isem is-sustanza	Il-kompost ta' l-ikel li fih il-preżenta ta' sustanzi hija limitata	Livell massimu [mg/kg]
------------------	---	------------------------

<i>Il-Beta-asarone</i>	<i>Xorb alkoħoliku</i>	<i>1.0</i>
<i>L-1-Allyl-4-methoxybenzene</i>	<i>Il-prodotti tal-ħalib</i>	<i>50</i>
	<i>Il-frott ipproċessat, il-veġetali (inklużi l-faqqugh, il-fungi, l-għeruq, it-tuberi, il-pjanti tal-miżwed u tal-legumi), il-ġewż u ż-żrieragħ</i>	<i>50</i>
	<i>Il-prodotti tal-ħut</i>	<i>10</i>
	<i>Ix-xorb mhux alkoħoliku</i>	
<i>L-Aċidu idroċijaniku</i>	<i>Il-qubbajt, il-marżipan jew is-sostituti tiegħu jew prodotti simili</i>	<i>50</i>
	<i>Il-frott ta' l-għadma fil-landi</i>	<i>5</i>
	<i>Ix-xorb alkoħoliku</i>	<i>35</i>
<i>Il-Menthofuran</i>	<i>Il-ħelu li fih il-menta/pepermint, ħlief il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs</i>	<i>500</i>
	<i>Il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs</i>	
	<i>Iċ-ċjuwing ġamm</i>	<i>3000</i>
	<i>Ix-xorb alkoħoliku li fih il-menta/pepermint</i>	<i>1000</i>
		<i>200</i>
<i>L-4-Allyl-1,2-dimethoxybenzene</i>	<i>Il-prodotti tal-ħalib</i>	<i>20</i>
	<i>Il-laħam u l-prodotti tal-laħam, inkluż t-tjur u s-selvaġġina</i>	<i>15</i>
	<i>Il-ħut u prodotti tal-ħut</i>	<i>10</i>
	<i>Is-sopop u z-zlazi</i>	<i>60</i>
	<i>L-ikel mhux ħelu lest biex jittiekel.</i>	<i>20</i>
	<i>Ix-xorb mhux alkoħoliku</i>	<i>1</i>
<i>Il-Pulegone</i>	<i>Il-ħelu li fih il-menta/pepermint, ħlief il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs</i>	<i>250</i>
	<i>Il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs</i>	
	<i>Iċ-ċjuwing ġamm</i>	<i>2000</i>
	<i>Ix-xorb mhux alkoħoliku li fih il-menta/pepermint</i>	<i>350</i>
	<i>Ix-xorb alkoħoliku li fih il-menta/pepermint</i>	<i>20</i>
		<i>100</i>
<i>Il-Kassin</i>	<i>Ix-xorb mhux alkoħoliku</i>	<i>0,5</i>
	<i>L-oġġetti tal-bejgħ tal-furnara</i>	<i>1</i>
	<i>Ix-xorb alkoħoliku</i>	<i>1.5</i>
<i>L-1-Allyl-3,4-methylene dioxy benzene, safrole</i>	<i>Il-laħam u l-prodotti tal-laħam, inkluż t-tjur u s-selvaġġina</i>	<i>15</i>
	<i>Il-ħut u prodotti tal-ħut</i>	<i>15</i>
	<i>Is-sopop u z-zlazi</i>	<i>25</i>
	<i>Ix-xorb mhux alkoħoliku</i>	<i>1</i>
<i>It-Teucrin A</i>	<i>Ix-xorb alkoholiku</i>	<i>2</i>
<i>It-Tujone (alfa u beta)</i>	<i>Ix-xorb alkoħoliku, ħlief dak prodott mill-ispeċi Artemisia</i>	<i>10</i>
	<i>Ix-xorb alkoħoliku, prodott mill-ispeċi Artemisia</i>	<i>35</i>

Emendi tal-Parlament

L-isem tas-sustanza	L-ikel kompost li fih il-preżenza tas-sustanza hija ristretta	Livell massimu [mg/kg]

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta ma' l-emenda ta' l-Artikolu 5(2)(2). Soluzzjoni simili hija stabbilita fl-Artikolu 8 u fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ċerti sustanzi oħra ma' l-ikel. Il-Parti B ta' l-Anness III tibqa' vojta sakemm tiġi eżaminata mill-Awtorità l-ġsara potenzjali ta' ċerti sustanzi mhux mixtieqa li joħroġu b'mod naturali. F'dan il-każ il-livelli massimi għall-kull sustanza għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

Emenda mressqa minn Alfonso Andria, Patrizia Toia, u Lapo Pistelli

Emenda 110
ANNEX III, PARTI B, RINGIELA 9

Teucrin A - Xorb alkoħoliku - 2

Teucrin A - Xorb alkoħoliku - 6

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-opinjoni mogħtija mill-Kumitat Xjentifiku tal-Kunsill ta' l-Ewropa fil-11 ta' Marzu 2003 (SFC/CS/FLAV/FLAVOUR/18 FINAL) tistabbilixxi l-limitu massimu għat-teucrin A, prinċipju attiv tat-Teucrium chamaedrys, sa 6 mg/kg f'xorb alkoħoliku.

Emenda mressqa minn Dan Jørgensen

Emenda 111
ANNEX III, PARTI (B)

Test propost mill-Kummissjoni

L-isem tas-sustanza	<i>L-ikel kompost li fih il-preżenza tas-sustanza hija ristretta</i>	<i>Livell massimu [mg/kg]</i>
Il-Beta-asarone	Ix-xorb alkoħoliku	1.0

L-1-Allyl-4-methoxybenzene,	Il-prodotti tal-ħalib	50
	Il-frott ipproċessat, il-veġetali (inklużi l-faqqiegħ, il-fungi, l-għeruq, it-tuberi, il-pjanti tal-miżwed u tal-legumi), il-ġewż u ż-żrieragħ	50
	Il-prodotti tal-ħut	50
	Ix-xorb mhux alkoħoliku	10

L-Aċidu idroċijaniku	Il-qubbajt, il-marżipan jew is-sostituti tiegħu jew prodotti simili	50
	Il-frott ta' l-għadma fil-landi	5
	Ix-xorb alkoħoliku	35
Il-Menthofuran	Il-ħelu li fih il-menta/pepermint, ħlief il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs	500
	Il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs	
	Iċ-ċjuwing ġamm	3000
	Ix-xorb alkoħoliku li fih il-menta/pepermint	1000 200
L-4-Allyl-1,2-dimethoxybenzene,	Il-prodotti tal-ħalib	20
	Il-laħam u l-prodotti tal-laħam, inkluż t-tjur u s-selvaġġina	15
	Il-ħut u prodotti tal-ħut	10
	Is-sopop u z-zlazi	60
	L-ikel mhux ħelu lest biex jittiekel.	20
	Ix-xorb mhux alkoħoliku	1
Il-Pulegone	Il-ħelu li fih il-menta/pepermint, ħlief il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs	250
	Il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs	
	Iċ-ċjuwing ġamm	2000
	Ix-xorb mhux alkoħoliku li fih il-menta/pepermint	350 20
	Ix-xorb alkoħoliku li fih il-menta/pepermint	100

Il-Kassin	Ix-xorb mhux alkoħoliku	0,5
	L-oġġetti tal-bejgħ tal-furnara	1
	Ix-xorb alkoħoliku	1.5
L-1-Allyl-3,4-methylene dioxy benzene, safrole	Il-laħam u l-prodotti tal-laħam, inkluż t-tjur u s-selvaġġina	15
	Il-ħut u prodotti tal-ħut	15
	Is-sopop u z-zlazi	25
	Ix-xorb mhux alkoħoliku	1
It-Teucrin A	Ix-xorb alkoħoliku	2
It-Tujone (alfa u beta)	Ix-xorb alkoħoliku, ħlief dak prodott mill-ispeċi <i>Artemisia</i>	10
	Ix-xorb alkoħoliku, prodott mill-ispeċi <i>Artemisia</i>	35

Emendi tal-Parlament

L-isem tas-sustanza	<i>Ikel [mg/kg]</i>	<i>Xorb [mg/kg]</i>	<i>Eżenzjonijiet għal ċertu ikel [mg/kg]</i>
<i>L-Aloin</i>	<i>0.1</i>	<i>0.1</i>	<i>Ix-xorb alkoħoliku</i> <i>50</i>
Il-Beta-asarone	<i>0.1</i>	<i>0.1</i>	Ix-xorb alkoħoliku 1.0
L-1-Allyl-4-methoxybenzene,	<i>xejn</i>	<i>xejn</i>	Il-prodotti tal-ħalib 50 50 Il-frott ipproċessat, il-veġetali (inklużi l-faqqiegħ, il-fungi, l-għeruq, it-tuberi, il-pjanti tal-miżwed u tal-legumi), il-ġewż u ż-żrieragħ 50 Il-prodotti tal-ħut 10 Ix-xorb mhux alkoħoliku
<i>L-Coumarin</i>	<i>2</i>	<i>2</i>	<i>F' ċertu tipi ta' ħelu</i> <i>10</i> <i>Iċ-ċjuwing ġamm</i> <i>50</i> <i>Ix-xorb alkoħoliku</i> <i>10</i>
L-Aċidu idroċijaniku	<i>1</i>	<i>1</i>	Il-qubbajt, il-marżipan jew is-sostituti tiegħu jew prodotti simili 50 Il-frott ta' l-għadma fil-landi 5 Ix-xorb alkoħoliku 35

Il-Menthofuran	<i>xejn</i>	<i>xejn</i>	Il-ħelu li fih il-menta/pepermint, ħlief il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs	500
			Il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs	3 000
			Iċ-ċjuwing ġamm	1 000
			Ix-xorb alkoħoliku li fih il-menta/pepermint	200
L-4-Allyl-1.2-methoxybenzene,	<i>xejn</i>	<i>xejn</i>	Il-prodotti tal-ħalib	20
			Il-laħam u l-prodotti tal-laħam, inkluż t-tjur u s-selvaġġina	15
			Il-ħut u prodotti tal-ħut	10
			Is-sopop u z-zlazi	60
			L-ikel mhux ħelu lest biex jittiekel.	20
			Ix-xorb mhux alkoħoliku	1
Il-Pulegone	25	100	Il-ħelu li fih il-menta/pepermint, ħlief il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs	250
			Il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs	2 000
			Iċ-ċjuwing ġamm	350
			Ix-xorb mhux alkoħoliku li fih il-menta/pepermint	20
			Ix-xorb alkoħoliku li fih il-menta/pepermint	100
Il-Kassin	5	5	Ix-xorb mhux alkoħoliku	0.5
			L-oġġetti tal-bejgħ tal-furnara	1
			Ix-xorb alkoħoliku	1.5
L-1-Allyl-3,4-methylene dioxy benzene, safrole	1	1	Il-laħam u l-prodotti tal-laħam, inkluż t-tjur u s-selvaġġina	15
			Il-ħut u prodotti tal-ħut	15
			Is-sopop u z-zlazi	25
				1

			Ix-xorb mhux alkoħoliku	
It-Teucrin A	<i>xejn</i>	<i>xejn</i>	Ix-xorb alkoħoliku	2
It-Tujone (alfa and beta)	<i>0.5</i>	<i>0.5</i>	Ix-xorb alkoħoliku, ħlief dak prodott mill-ispeċi <i>Artemisia</i>	10
			Ix-xorb alkoħoliku, prodott mill-ispeċi <i>Artemisia</i>	35

Or. da

Ġustifikazzjoni

Bilag III indeholder stoffer, der skal begrænses, idet de i flere tilfælde er mistænkt for at være skadelige. I de gældende regler om fødevareromaer er der fastsat generelle grænseværdier for en række af de i bilaget angivne stoffer, der ikke må tilsættes fødevarer, men som kan forekomme, da de udgør en bestanddel af tilladte aromastoffer. I Kommissionens forslag er de generelle grænseværdier taget ud til fordel for en regulering med grænseværdier for specifikke fødevarergrupper. Ændringsforslaget fremsættes med henblik på fastholdelse af generelle grænseværdier i aromaforordningen, hvilket er den bedste måde at sikre, at alle forekomster af de angivne stoffer begrænses.

Grænseværdier er medtaget for Aloin og Coumarin, idet disse stoffer er reguleret i de gældende regler og der fortsat er risiko for toksikologiske problemer med begge.